Transport Malta

Malta Transport Centre
Marsa, MRS 1917
Malta

Tel: (356) 2122 2203
Fax: (356) 2125 0365
Email: info.tm@transport.gov.mt

www.transport.gov.mt

# TAGHRIF DWAR L-APPLIKANT

## A - Persuna b'Dizabilita'

1. Kunjom ________________ 2. Isem ____________________________

3. Indirizz ____________________________________________________________

4. Lokalita' (Kunsill Lokali) ______________ 5. Nru tat-telefon ____________________

6. Data tat-twelid __________ 7. Nru. tal-Karta tal-Identita' tal-Gvern _____________

8. Nru tal-Blue Sticker ______________ 9. Nru tal-Karta tal-Identita Specjali ______

10. X'inhi n-natura tad-dizabilita'? ____________________________________________

11. Hemm garaxx mad-dar jew vicin id-dar fejn qed tintalab ir-Reserved Parking?

Iva _________ Le_________

## B - Applikant f'isem il-Persuna b'Dizabilita'

*(Timtela **biss** jekk l-applikant mhux il-persuna b'dizabilita')*

1. Kunjom ______________________ 2. Isem ____________________________

3. Indirizz ____________________________________________________________

4. Lokalita' (Kunsill Lokali) ______________ 5. Nru tat-telefon ____________________

6. Karta tal-Identita' tal-Gvern ________________

7. Kif tigi mill-persuna b'dizabilita' ____________________________________________

**Nota Importanti**

Ma' din il-formola trid tibghat kopja tal-logbook, kopja tal-Karta tal-Identita' tal-Gvern tal-persuna b'dizabilita' (u tal-Karta tal-Identita' tal-Gvern tal-persuna li fuqha tkun registrata l-karozza, f'kaz li din ma tkunx il-persuna b'dizabilita' nnifisha), kopja tal-Karta tal-Identita' Specjali u kopja tal-"Blue Badge". Dawn l-indirizzi jridu jkunu l-istess bhal l-indirizz tad-dar fejn qed jintalab ir-Reserved Parking.

**Din l-applikazzjoni ma tigix ikkunsidrata jekk dawn id-dokumenti jkunu neqsin jew ma' jaqblux.**

Jiena ______________________ nixtieq napplika ghar-Reserved Parking/Keep Clear u niddikjara li t-taghrif li tajt hu korrett u li nissodisfa l-kriterji ghal dan il-beneficcju.

____________________________ ____________________
Firma ta' l-Applikant/a Data

# Rapport TaT-Tabib

Dan hu certifikat mediku dwar persuna li ghandha problemi severi ta' mobilita' u li qed tapplika ghar-Reserved Parking/Keep Clear quddiem ir-residenza taghha.

**1.0 Dikjarazzjoni tat-Tabiba/a (Uza Ittri Kbar)**

1.1 Isem u Kunjom tal-applikant/a b'dizabilita' ____________________

1.2 Karta ta'l-identita' tal-Gvern ______________________________

1.3 L-applikant/a b'dizabilita' jsuq? ___________________________

1.4 L-applikant/a b'dizabilita' juza siggu tar-roti? Iva ______ Le _____

**2.0 Kundizzjoni Medika**

2.1 Semmi l-kundizzjoni medika tal-persuna b'dizabilita' _______________

______________________________________________________

2.2 X'effetti ghandha din il-kundizzjoni fuq il-mobilta' ta' l-applikant/a b'dizabilita'

______________________________________________________

2.3 Id-dizabilita' tal-persuna hija temporanja jew permanenti? _______________

2.4 Grad tad-dizabilita': Severa Hafna ______ Severa _______ Medja _____ Hafifa _______

2.5 Fl-opinjoni professjonali tieghek kif tahseb li dan il-beneficcju ser jghin lill-applikant/a b'dizabilita'

______________________________________________________

**3.0 Dikjarazzjoni tat-Tabib/a (Uza Ittri Kbar)**

3.1 Isem it-Tabib/a ________________________________________________

3.1 Indirizz ____________________________________________________

3.2 Telefone _____________

3.3 Nru. Tar-Registrazzjoni tat-Tabiba/a ___________________________

3.4 Firma tat-Tabib/a ______________________________

3.5 Data ___________________________

3.7 Timbru ufficjali tat-tabib/a ____________________________

## Taghrif dwar il-Beneficcju tar-Reserved Parking / Keep Clear Bay

Dan il-beneficcju jinghata mid-Direttorat tal-Immaniggjar tat-Traffiku. Jigi kkonsultat il-Kunsill Lokali ta' l-Applikant.

### A - Reserved Parking

***Lil Min Jinghata***

- Lill-persuna li ghandha problemi severi ta' mobilita' u li ssuq il-karozza taghha.
- Lill-familjari taghha (missier/omm/mart/zewg/iben/bint/hu/oht) li jkunu joqoghdu fl-istess indirizz u li ghandhom karozza.
- Il-persuna b'dizabilita' jrid ikollha l-Blue Sticker mahrug mill-Pulizija.

***Lil Min Ma Jinghatax***

- Jekk id-dar ta' l-applikant ikollha garaxx maghha.
- Jekk l-applikant ikollu garaxx vicin id-dar, kemm-il darba l-persuna b'dizabilita' ma tkunx hi stess is-sewwieq.
- Jekk ir-reserved parking bay tohloq ostaklu jew xkiel ghall-moviment tat-traffiku jew ghal xi garaxxijiet fil-qrib, specjalment jekk it-triq in kwestjoni hija dejqa hafna.
- Jekk id-dar ta' l-applikant tkun qieghda fil-limitu ta' 4 metri boghod minn xi kantuniera, li fih ma jistax isir parking.

***Kif Tapplika***

- Din il-formola trid timtela mill-persuna b'dizabilita' li qieghda titlob is-servizz jew minn familjari li jghixu fl-istess dar tal-persuna b'dizabilita'.
- L-applikazzjoni trid tkun kompluta bic-certifikat mediku. (Dan irid jimtela kollu bil-fors u mieghu jistghu jintbaghtu kopji ta' certifikati medici ohra.)
- Iridu jintbaghtu kopji tal-karta ta' l-identita' tal-gvern tal-persuna b'dizabilita' u l-*logbook* tal-karozza. F'kaz li l-karozza ma tkunx fuq isem il-persuna b'dizabilita' trid tintbaghat ukoll il-karta ta' l-identita' tal-Gvern tal-persuna li fuqha hi registrata l-karozza. L-indirizz li jkun hemm fuq il-karta (jew karti) tal-identita' tal-Gvern u fuq il-logbook iridu jkunu l-istess jigifieri fejn qed jintalab li ssir ir-Reserved Parking.
- Iridu jintbghatu wkoll kopji tal-"Blue Badge" u tal-Karta tal-Identita Specjali mahruga mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita'.
- Kull applikant ghandu javza mill-ewwel meta dan il-beneficcju ma jibqax bzonnu (ez. Tinbidel ir-residenza jew il-vettura jew il-persuna b'dizabilita' tigi nieqsa.)

***Il-Process***

- L-applikazzjoni mimlija trid tintbaghat lid-Direttorat tal-Immaniggjar tat-Traffiku, L-Awtorita dwar t-Trasport ta' Malta.
- Id-Direttorat tal-Immaniggjar tat-Traffiku jitlob il-kummenti tal-Kunsill Lokali koncernat dwar kull applikazzjoni li ssir ghal dan il-beneficcju.
- L-Awtorita tista' tibghat ufficjal taghha biex jaghmel zjara fid-dar tal-applikant.
- L-applikazzjoni, il-kummenti tal-Kunsill Lokali (u r-rapport taz-zjara fid-dar, meta din issir) jigu ezaminati mid-Direttorat tal-Immaniggjar tat-Traffiku.
- Fil-kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni pozittiva mid-Direttorat tal-Immaniggjar tat-Traffiku, jinhareg il-permess necessarju.

***Review***

- Persuna b'dizabilita' li jkollha Reserved Parking u tibdel ir-residenza ma tistax titrasferixxi r-Reserved Parking fl-indirizz il-gdid imma trid issir applikazzjoni gdida. B'hekk l-applikazzjoni tkun tista' tigi studjata mill-gdid, mill-aspetti li m'humiex medici.
- Persuni li l-applikazzjoni taghhom ma tigix milqugha jistghu jiktbu lir-Review Panel tar-Reserved Parking, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera.
- Il-Kunsill Lokali tal-applikant jista' jitlob revizjoni tar-rakkomandazzjoni li tkun hadet il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' billi jikteb lir-Review Panel.
- Ir-Review Panel tar-Reserved Parking ma jilqax ilmenti biex jitnehha xi Reserved Parking li jsiru minn individwi izda dawn l-ilmenti jridu jsiru ufficjalment minn Kunsilli Lokali.
- Ir-Review Panel jista' jiddeciedi li jsir Rapport Professjonali lill-persuna b'dizabilita' li tkun talbet li ssirilha revizjoni tal-applikazzjoni biex ikollu opinjoni medika ohra.
- Id-decizjoni tar-Review Panel hija finali.

**B - Keep Clear Bay**

***Lil Min Tinghata.***

*Dan il-beneficcju jinghata bl-istess procedura tar-Reserved Parking pero' b'dawn il-kundizzjonijiet:*

a) Min ma jikkwalifikax ghar-Reserved Parking minhabba li m'ghandux karozza registrata fid-dar; u
b) Min juza siggu tar-roti; u
c) Ma jkollux garaxx mad-dar; u
d) Il-Keep Clear ma tostakolax it-traffiku.